Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol
nru 2328/JB
bejn

Alfred Farrugia

U

Sea Malta Company Ltd
Dwar allegazzjoni ta` trattament diskriminatorju

Illum 27 ta` Lulju 2007
Decizjoni Nru ________

Chairman Dr Joseph P Bonnici LL.D
Jesponi bir-rispett: -

Illi b`dikjarazzjoni prezentata fis-26 ta` Ottubru 2005 l-appellant talab lil dan it-Tribunal jinvestiga l-kaz tieghu biex jigi provdut rimedju lilu minhabba allegazzjoni ta` trattament diskriminatorju minn mas-societa intimata.

Illi bi stqarrija prezentata fis-26 ta` April tas-sena 2006, huwa allega illi l-"collective agreement" ezistenti bejn is-societa intimata u General Workers Union in rapprezentanza ta` l-istess haddiema kien qed jigi attwat b`mod diskriminatorju fil-konfront tieghu billi nies ohra fl-istess grad tieghu kienu jithallsu salarju u beneficcji ohra differenti b`mod illi kien qed jinkassa inqas minn dak illi allegament kien lilu dovut.

Da parti taghha is-societa intimata tramite d-dikjarazzjoni prezentata fit-12 t`April tas-sena 2006, eccepit in-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` dan it-Tribunal minhabba illi allegatament l-impjieg ta` l-appellant kien regolat mill-Merchant Shipping Act (Kap 234 tal-Ligijiet ta` Malta) u fil-mertu illi l-istess appellant ma kien issoggettat ghall-ebda

diskriminazzjoni fil-konfront tieghu billi inghata trattament u kundizzjonijiet skond l-impjieg li kellu u skond liema kien intitolat.

Illi bi qbil bejn il-partijiet  saret talba lil dan it-Tribunal biex jiddecidi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-societa intimata dwar il-gurisdizzjoni o meno ta' dan it-Tribunal.

Konsiderazzjonijiet

Illi jigi ribadit l-ab initio illi is-societa intimata tefghet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni minghajr ma ssostanzjat l-istess. Lanqas ma indikat taht liema Artikolu kienet qed tinvoka l-istess eccezzjoni. Pero meta wiehed jezamina l-Kap 234 l-impjieg ta` ekwipagg huwa regolat bl-Artikoli 112 sa 122 ta` l-istess Kap. Pero min ezami ta' l-istess Artikli jindika illi hawn si tratta ta' ingagg ta` ekwipagg ghal perjodu limitat mill-Kaptan ta` l-istess vapur u liema l-kundizzjonijiet u regolamenti jigu applikati.

Li naqset li tindika l-istess societa intimata huwa li l-impjieg ta` l-appellant mal-Kumpanija b`bandiera Maltija bhal ma hi s-Sea Malta Company Limited (li hija kumpanija naturalment Maltija), b`vapur irregistrat Malta u b`crew Malti huwa regolat minn "collective agreement" li kellu effett mill-1 ta` Jannar tas sena 1996 u vigenti sat-31 ta` Marzu tas-sena 2001 b`dan illi fin-nuqqas ta` ftehim gdid, l-istess ftehim kellu jibqa in vigore.

Jigi ribadit ad nauseam illi "collective agreement" huwa kontratt bis-sahha legali kollha kif ritenut anke minn dan it-Tribunal u minn sentenzi tal-Qrati Ordinarji ta` Malta in applicando il-principju ta` pacta sunt servanda.

Una volta illi l-impjieg tal-bahhara kien regolat b`dan il-ftehim kollettiv ma tistax is-societa intimata illum tinvoka biex tapplika ghal kuntrarju ta` l-istess ftehim kollettiv ir-regolamenti li johorgu mil-Kap 234. Bizzejjed issir referenza ghall-tilrima tax-xoghol deciza minn dan it-Tribunal fl-ismijiet "Union of Cabin Crew vs AirMalta Company Limited".

In oltre fil-promulgazzjoni ta` l-Att 22 tas-sena 2002 ossia Kap 452 l-Att dwar ix-Xoghol u ir-Relazzjoni Industrijali, l-istitut tal-"collective agreement" gie mghoti forza legali a skans ta` kwalunkwe misinterpretazzjoni u/jew ekwivoku fl-Artiklu 5 b`mod illi l-kundizzjonijiet tax-xoghol hemm kontenuti ghandhom ikunu rikonoxxuti bhala dawk il-kundizzjonijet tax-xoghol li ghandhom ikunu effikaci favur il-haddiema fuq l-istess post tax-xoghol. Mhux hekk biss izda il-principal f`kas li jintlahaq "collective agreement" ghandhu jikkonsenja kopja u awtentikata ta` l-istess lid-Direttur tax-Xoghol.

Dana kollu jidher u ghandhu jigi mifthiem illi una volta hemm "collective agreement" iffirmat bejn min ihaddem u min jirraprezenta l-haddiema, dak ghandu l-forza ta` ligi biex jirregola il-kundizzjonijiet tax-xoghol.

<u>Konkluzjoni</u>

It-Tribunal jaqta` u jiddecidi billi jichad l-eccezzjoni preliminarji tas-societa intimata u jordna l-prosegwiment tal-kaz skond il-ligi.

Spejjes rizervati ghal guddizzju finali.

---

**Avv Joseph P Bonnici**
**Chairman**
*Farrugia Gatt & Falzon*
*1st Floor, Regency House*
*Republic Street*
*Valletta VLT 04*